Il-FONDAZZJONI EWROPEA GĦAT-TITJIB TAL-KUNDIZZJONIJIET
TAL-ĦAJJA U TAX-XOGĦOL (EUROFOUND)

Avviż ta' Proċedura ta' Għażla Miftuħa:

| | |
|---|---|
| Referenza | EF-TA-24-04 |
| Tip ta' kuntratt | Aġent Temporanju (TA2f)[1] |
| Grupp tal-funzjoni/grad | AD 6 |
| Tul inizjali tal-kuntratt | 5 snin (li jistgħu jiġġeddu) |
| Post tal-impjieg | Dublin, l-Irlanda |
| Data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet: | 03.12.2024 |

## I. INFORMAZZJONI DWAR L-AĠENZIJA

Il-Eurofound hija aġenzija tal-Unjoni Ewropea, ibbażata f'Dublin, l-Irlanda li tipprovdi għarfien biex tassisti fl-iżvilupp ta' politiki soċjali u dawk relatati max-xogħol għal atturi ewlenin fil-qasam tal-politika soċjali tal-UE u għaċ-ċittadini tal-Ewropa. Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Eurofound, jekk jogħġbok żur: www.eurofound.europa.eu.

Il-Eurofound hija impenjata favur id-diversità u l-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol. Bħala organizzazzjoni tal-għarfien, trawwem opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għall-iżvilupp tal-impjegati tagħha, f'allinjament mal-prinċipji u mal-objettivi tal-organizzazzjoni: it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol. Aħna nieħdu s-sostenibbiltà ambjentali b'serjetà u - fl-2021 - introduċejna sistema ta' ġestjoni ambjentali li għandha tiġi rreġistrata taħt l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tal-UE.

Il-Eurofound qed torganizza proċedura tal-għażla miftuħa u ta' reklutaġġ biex tistabbilixxi lista ta' riżerva li minnha tirrekluta kandidat għar-rwol ta':

**Uffiċjal tal-Kontroll Intern u l-Ġestjoni tar-Riskju**

Applikazzjonijiet minn professjonisti madwar l-Unjoni Ewropea kollha huma milqugħa, f'allinjament mal-politika ta' opportunitajiet ugwali tal-Eurofound.

Il-post tal-impjieg huwa Dublin u se tkun meħtieġa residenza f'distanza raġonevoli mill-uffiċċju tal-Eurofound f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal (l-Artikolu 20).

## II. KUNTEST U DMIRIJIET TAL-IMPJIEG

L-Uffiċjal tal-Kontroll Intern u l-Ġestjoni tar-Riskju, ibbażat fl-Unità ta' Appoġġ Organizzazzjonali ("OSU"), se jassisti lill-Kap tal-Unità, li għandu wkoll ir-rwol ta' Koordinatur tal-Kontroll Intern, fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġija ta' ġestjoni u kontroll tar-

1 ara r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea fuq http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20140101:EN:PDF

riskju, fl-istabbiliment ta' proċeduri għall-monitoraġġ tal-effettività u tal-effiċjenza tal-kontroll intern, u fit-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-funzjonament tajjeb tas-Sistema ta' Kontroll Intern.

L-Unità ta' Appoġġ Organizzazzjonali tipprovdi firxa ta' servizzi u attivitajiet ta' appoġġ għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-programm tal-Eurofound - li jvarjaw mis-sistemi ta' informazzjoni tal-ippjanar u tal-ġestjoni, il-ġestjoni tal-proċessi u tal-proġetti, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni organizzazzjonali. L-Unità tospita wkoll is-servizzi legali u l-protezzjoni tad-*data*.

Id-dmirijiet tal-Uffiċjal tal-Kontroll Intern u l-Ġestjoni tar-Riskju jirrikjedu kollaborazzjoni tajba fuq varjetà ta' kompiti orizzontali ma' kollegi fl-Unità kif ukoll ma' kollegi fl-organizzazzjoni kollha.

Filwaqt li jirrapporta direttament lill-Kap tal-Unità, id-detentur tal-impjieg se jsaħħaħ it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-kontrolli interni, iwettaq valutazzjonijiet u kontrolli, u jipprovdi rakkomandazzjonijiet biex itejjeb l-ambjenti ta' kontroll u jimminimizza r-riskji. Huwa se jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tat-titjib. Ir-rwol jinvolvi l-kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, l-identifikazzjoni tar-riskji u n-nuqqasijiet ta' kontroll, l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni u l-promozzjoni ta' kultura ta' akkontabbiltà u integrità.

Id-dmirijiet tal-kariga jinkludu:

- L-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-Eurofound permezz tal-monitoraġġ, tal-iżvilupp u tal-għoti ta' pariri dwar il-politiki, il-proċeduri u l-kontrolli mfassla biex jiżguraw il-funzjonament effettiv tal-komponenti kollha tas-sistema.

- It-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskju u rieżamijiet ta' kontroll intern biex jiġu identifikati oqsma ta' riskju potenzjali, frodi jew nuqqas ta' konformità.

- L-iżgurar tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni ta' pjan ta' ħidma annwali ta' kontroll intern b'enfasi fuq l-azzjonijiet korrettivi u l-punti ta' titjib miftiehma.

- Il-valutazzjoni tad-disinn u tal-effettività tal-kontrolli interni:
    - L-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-awtovalutazzjonijiet tal-Qafas ta' Kontroll Intern, filwaqt li ssir identifikazzjoni b'mod proattiv tat-titjib potenzjali u l-azzjonijiet korrettivi;
    - Il-koordinazzjoni u l-eżekuzzjoni - bħala parti minn tim żgħir - tal-kontrolli u r-rieżamijiet regolari u ad hoc biex tiġi pprovduta assigurazzjoni dwar partijiet speċifiċi tas-sistema ta' kontroll intern.

- L-istabbiliment tas-sistema ta' monitoraġġ u rapportar biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet kollha minn kontrolli, awditi, evalwazzjonijiet u attivitajiet oħra ta' titjib jitwettqu b'mod trasparenti, f'waqtu u effettiv.

- It-tħejjija tal-informazzjoni u tal-analiżi neċessarji li jkunu meħtieġa għal skopijiet ta' rapportar lill-maniġment u lill-Bord tat-Tmexxija u lill-awtoritajiet rilevanti.

- L-għoti ta' pariri u appoġġ dwar kwistjonijiet relatati mill-qrib mas-sistemi ta' kontroll intern bħall-governanza, il-ġestjoni tal-kwalità, is-sigurtà tal-informazzjoni u s-sistemi ta' rapportar.

- It-tfassil u t-twettiq (ma' persuni oħrajn) ta' attivitajiet ta' tagħlim u żvilupp biex jissaħħaħ il-qafas ta' kontroll intern fl-organizzazzjoni kollha.

- It-tmexxija u l-parteċipazzjoni fi gruppi ta' ħidma, task forces, programmi u proġetti dwar il-kontroll intern, inklużi attivitajiet u networks bejn l-Aġenziji.

- Kompiti oħra rilevanti, kif meħtieġ mill-Kap tal-Unità.

## III. KWALIFIKI U ESPERJENZA MEĦTIEĠA

Il-proċedura tal-għażla hija miftuħa għall-kandidati li, sad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

### 1. KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

Il-kandidati se jiġu kkunsidrati eliġibbli għal għażla abbażi tal-issodisfar tal-kriterji formali li ġejjin sad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet:

- Ċittadinanza ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- Ikunu intitolati għad-drittijiet kollha bħala ċittadini tal-UE;
- Ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari;
- Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' lingwa uffiċjali waħda tal-Unjoni Ewropea u għarfien sodisfaċenti (livell B2) ta' lingwa oħra tal-Unjoni. Billi l-Ingliż huwa l-lingwa ta' ħidma tal-Eurofound, huwa meħtieġ livell għoli ta' profiċjenza fl-Ingliż (C1) f'livell meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet[2];
- Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas 3 snin iċċertifikati b'diploma fl-ekonomija, negozju, amministrazzjoni pubblika, liġi jew studju ta' natura simili;
- Ikollhom mill-inqas 3 snin esperjenza professjonali wara l-gradwazzjoni;
- Jissodisfaw ir-rekwiżiti personali u professjonali għad-dmirijiet involuti;
- Ikunu fiżikament b'saħħithom biex iwettqu d-dmirijiet tal-kariga deskritta hawn fuq.

### 2. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Il-kandidati se jintgħażlu abbażi tal-kriterji li ġejjin:

- Ċertifikazzjoni professjonali valida (eż. Awditur Intern Iċċertifikat (CIA), Ċertifikazzjoni fl-Assigurazzjoni tal-Ġestjoni tar-Riskju (CRMA), Professjonist Iċċertifikat tal-Awditjar tal-Gvern (CGAP), Maniġer tar-Riskju ta' Konformità u tal-Kontroll Intern Iċċertifikat (CCR);
- Esperjenza professjonali mixhuda bi prova ta' mill-inqas 5 snin fil-kontroll intern u/jew l-awditjar li tkopri l-attivitajiet kollha ta' ppjanar, eżekuzzjoni u rapportar relatati mal-valutazzjoni u mat-tisħiħ tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll bil-ħsieb li

[2] Jekk jogħġbok kun af li skont ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg, hija meħtieġa profiċjenza fit-tielet lingwa qabel il-promozzjoni għal grad ogħla.

jiġu żgurati l-effettività u l-effiċjenza tagħhom fil-prevenzjoni, fid-detezzjoni u fil-korrezzjoni ta' dgħufijiet jew irregolaritajiet;
- Għarfien b'saħħtu mixhud bi prova tal-proċeduri amministrattivi u tal-kunċetti bażiċi tal-Kontroll Intern, preferibbilment fl-istituzzjonijiet, fil-korpi jew fl-aġenziji tal-UE;
- Esperjenza ta' xogħol miksuba minn ambjent ta' ħidma internazzjonali.

Minbarra dan ta' hawn fuq, il-kandidati li jiġu mistiedna għall-ittestjar u għall-intervista se jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji li ġejjin:
- Ħiliet analitiċi u ta' ħsieb kritiku biex jivvalutaw ir-riskji u jevalwaw l-effettività tal-kontroll;
- Ħiliet ta' komunikazzjoni u interpersonali eċċellenti, bil-kapaċità li jinteraġixxu b'mod effettiv mal-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha kemm bil-miktub u kif ukoll fil-laqgħat;
- Attenzjoni għad-dettall u għall-akkuratezza fit-twettiq ta' rieżamijiet, kontrolli, valutazzjonijiet u rapportar;
- Attitudni dinamika u mmotivati minnhom infushom bil-kapaċità li jlaħħqu ma' diversi kompiti fl-istess ħin filwaqt li jagħtu attenzjoni tajba ħafna lid-dettall u li jaħdmu b'dati tal-għeluq taħt pressjoni;
- Livell tajjeb ta' profiċjenza fl-applikazzjonijiet ta' Microsoft;
- Integrità, professjonaliżmu u mġiba etika fil-ġestjoni ta' informazzjoni sensittiva;
- Kapaċità li jaħdmu b'mod effettiv f'ambjent internazzjonali u multikulturali;
- Kapaċità li jaħdmu b'mod indipendenti u kollaborattiv f'ambjent ta' tim.

Jekk jintalbu, iridu jiġu pprovduti provi li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà - permezz ta' dokumenti xierqa (kopji ta' ċertifikati tal-edukazzjoni, referenzi minn impjegaturi, eċċ.).

## IV. ORGANIZZAZZJONI TAL-PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA

Wara d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, il-Kumitat tal-Għażla se jivverifika l-applikazzjonijiet sottomessi skont il-kriterji ta' eliġibbiltà elenkati fit-Taqsima III.1. ta' hawn fuq. L-applikazzjonijiet li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet imbagħad jiġu vvalutati skont il-kriterji tal-għażla elenkati fit-Taqsima III.2 ta' hawn fuq.

Il-kandidati se jitpoġġew f'lista preliminari u dawk meqjusa l-aktar xierqa (massimu ta' 12-il kandidat li jiksbu minimu ta' 70 % fil-proċess tat-tpoġġija f'lista preliminari) se jiġu mistiedna għat-testijiet bil-miktub – testijiet fit-tieni lingwa tal-UE u dawk ta' kompetenza - u għal intervista mal-Kumitat tal-Għażla. It-testijiet u l-intervisti x'aktarx li jsiru (online) fi Far 2025.

**Jekk jogħġbok innota li l-kandidati li jirnexxu kemm fl-intervista kif ukoll fit-test bil-miktub biss se jkollhom il-possibbiltà li jitpoġġew fil-lista ta' riżerva.** Il-limitu minimu biex titqiegħed fil-lista ta' riżerva huwa 70 % tal-punti totali (70 % għall-intervista u 70 % għat-test tal-kompetenza). Din il-lista tista' tintuża wkoll għar-reklutaġġ ta' kariga simili skont il-ħtiġijiet tal-Aġenzija. L-inklużjoni fil-lista ta' riżerva ma tiggarantixxix reklutaġġ.

Aktar dettalji dwar l-iskrinjar, il-proċessi tal-intervistar u tal-ittestjar huma deskritti fuq is-sit web tal-Eurofound. **Il-kandidati huma mħeġġa biex jaqraw din l-informazzjoni b'attenzjoni.**